**27 ta' Mejju, 1960**

**Imħallef :—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Giovanni Sammut

*versus*

Giovanni Mula

**Spoll — Pussess — Bwona Fede — Art. 595 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-liġi titutela bl-azzjoni ta' reintegrazzjoni l-pussess anki jekk ma jirrivestix il-karattri ta' pussess leġitt mu, u saħansitra jekk ikun in mala fede u effett ta' abbuż.*

*Biex jeskludi l-ispoll mhux biżżejjed is-silenzju tal-persuna spoljata, sakemm ma jkunx jista' jiġi nterpretat bħala veru u proprju kunsens; b'mod li mhix aċċettabbli l-allegazzjoni li ma jirrikorrix l-ispoll għax il-fatti ġraw fil-preżenza u mingħajr oppożizzjoni tal-parti spoljata, jekk dan in-nuqqas ta' oppożizzjoni ma jkunx l-effett tal-kunsens tal-parti spoljata.*

*Lanqas tiswa l-allegazzjoni tal-bwona fede tal-ispoljant; għax f'materja possessorja l-bwona fede, jekk tirrikorri, mhix opponibbli lil-ispoljat.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi huwa l-gabillott tal-għalqa magħrufa "Il-Ġardina", aċċessibbli minn Strada San Giorgio, Ħal-Għargur, li fuqha l-konvenut għandu biss dritt ta' passaġġ għal art oħra minnu detenuta; u illi l-konvenut abużivament, u mingħajr il-permess tal-attur, qala' xi basal tal-fjuri miżrugħin fir-rampa li minnha l-passaġġ fuq imsemmi jifforma parti, u minflokhom żera' xi dwieli; u illi b'dan l-għemil tiegħu ikkommetta spoll a dannu tal-attur; talab (1) li jiġi reintegrat fil-pussess tal-imsemmija rampa, billi l-konvenut ikun kundannat, fiż-żmien li tistabbilixxi din il-Qorti, ineħħi l-imsemmija dwieli mir-rampa; (2) u fin-nuqqas ikun awtorizzat jirrimwovi l-imsemmija dwieli a spejjeż tal-konvenut; (3) u l-konvenut ikun kundannat iħallas lill-attur, in linea ta' danni, somma ta' flus korrispondenti għall-valur tal-imsemmi basal u nuqqas ta' profitt li huwa seta' jagħmel mill-bejgħ tal-prodott relattiv. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-attur li biha ċeda l-kawża fil-meritu u rriżerva l-kap tal-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar il-kap tal-ispejjeż;

Illi l-atti tal-kawża huma, fil-qosor, dawn;

L-attur minn tletin sena jiddetjeni bi qbiela r-raba' deskritt fiċ-ċitazzjoni, konsistenti f'żewġ ħbula, wieħed f'livell superjuri, li minnu per mezz tar-rampa in kwistjoni taċċedi għall-ħabel f'livell inferjuri, adjaċenti għall-għalqa tal-konvenut. F'dik ir-rampa hemm xi siġar, kompriżi siġar tar-rummien, kif ukoll xi basal tan-narċis, li kien jieħu ħsiebhom l-attur u jiġbor il-frott u l-fjuri tagħhom. Mill-istess rampa l-konvenut, bħal gabillotta preċedenti Margherita Mifsud, jgħaddi għall-imsemmija għalqa tiegħu, li għandha aċċess anki minn band'oħra. F'Marzu jew April, 1959, il-konvenut xtara l-għalqa ġa minnu mqabbla,

u Anġla Spiteri, oħt il-konvenut, xtrat l-għalqa detenuta mill-attur, għamlitlu kawża biex toħorġu, tilfitha, u xi ġranet wara l-konvenut qala' mir-rampa "de qua" tnax il-basla tan-narċis u ħawwel żewġ dwieli. L-attur kien dak il-ħin xi ħamsin jarda l-bogħod minnu; u malli ttenda b'dak li kien għamel il-konvenut, qallu li r-rampa kienet ilha f'idejh; il-konvenut irrispondieh li kienet f'idejh bi żball; l-attur ma qallu xejn iżjed, għax beża' minnu, iżda mar għand l-avukat tiegħu biex ifittxu bil-Qorti;

Illi l-konvenut oppona diversi eċċezzjonijiet, u hu xieraq li jiġu eżaminati partitament;

Illi fl-ewwel lok huwa oppona li l-pussess tal-attur huwa ekwivoku, u mhux manifest, billi, kif spjega fid-dikjarazzjoni tiegħu fol. 5, ir-rampa "de qua" qatt ma kienet imqabbla għand l-attur, u huwa kien qiegħed jippossjediha abużivament. Din il-pretensjoni ma taqbelx mal-provi, għaliex irriżulta illi r-rampa kien jagħmel minnha l-attur, il-frott tas-siġar u l-fjuri tan-narċis kien jiġborhom hu mingħajr qatt ma saritlu l-anqas osservazzjoni; ġie pruvat ukoll li ċertu Pietru Bezzina ġie minnu mqabbad xi ħmistax il-sena ilu biex ilaqqamlu s-siġar tar-rummien eżistenti fir-rampa; irriżulta wkoll illi Anna Mula, zija tal-konvenut u sid l-għalqa li hu għandu f'idejh, kienet tgħid lill-gabillotta preċedenti Margherita Mifsud illi fuq din ir-rampa kellha biss id-dritt li tgħaddi għall-għalqa tagħha, u l-konvenut fix-xhieda tiegħu (fol. 37) stqarr illi huwa xtara l-għalqa kollha "li kienet f'idejn Margherita Mifsud". Però, indipendentement minn dan kollu, huwa fatt illi l-attur, tajjeb jew ħażin, kien jinsab fil-pussess tar-rampa in kwistjoni, u l-liġi tittutela dan il-pussess, anki jekk ma jirrivestix il-karattri tal-pussess leġittimu, u saħansitra jekk ikun in mala fede u effett ta' abbuż; u konsegwentement din l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut mhix sostenibbli;

Illi ugwalment inaċċettabbli hija t-tieni eċċezzjoni tiegħu konsistenti filli ma jirrikorrix l-ispoll billi kollox sar mill-konvenut fil-preżenza u mingħajr l-oppożizzjoni tal-attur. Difatti, oppożizzjoni, almenu bil-kliem, żgur kien hemm, kif jammetti l-istess konvenut (fol. 37); jekk ma

kienx hemm "vie di fatto", dan kien minħabba li l-attur, li għandu 74 sena, beża u ma riedx ġlied. Del resto, hu magħruf illi lanqas ma hu bżżejjed, biex jeskludi l-ispoll, is-silenzju tal-persuna spoljata, sakemm ma jkunx jista' jiġi nterpretat bħala veru u proprju kunsens; għaliex, kif osservat il-Qorti tal-Kassazzjoni ta' Ruma fl-24 ta' Settembru 1906, in re "Zalati versus Ricovero di Mendicità di Bologna", "vi è sempre violenza in tutto ciò che è operato contro la volontà espressa o presunta, ed è da presumersi che, chi si trova nel pacifico possesso di una cosa non concorre mai con la sua volontà ad essere spogliato, se questa espressamente non si manifesta, o con parole o con fatti atti a togliere ogni dubio al riguardo" (Bettini, Giurisprudenza Italiana, 1906, parte I, sez. 1ma., paġ. 962);

Illi, fid-dibattitu orali tal-21 ta' April 1960, il-konvenut, per mezz tad-difensur tiegħu, oppona illi huwa aġixxa "in buona fede", billi kien jaħseb li r-rampa kienet kompriża fix-xiri tal-għalqa; iżda f'materja possessorja l-bwona fede, jekk tirrikorri, mhix opponibbli lill-attur, għaliex dan jibqagħlu dejjem favur tiegħu il-fatt materjali tal-ispoll (Fadda, Giurisp. Cod. Civ. Ital. art. 695. no. 510). Barra minn dan, l-allegata bwona fede hija wisq problematika u diskutibbli, meta wieħed jirrifletti fuq iċ-ċirkustanzi kollha fuq elenkati;

Illi, bħala korollarju, il-konvenut, dejjem fl-imsemmi dibattitu orali, issottometta illi, la ma kellux l-"animus spoliandi", jonqos wieħed mir-rekwiżiti tal-azzjoni esperita mill-attur. Anki din is-sottomissjoni mhix aċċettabbli; għaliex l-ispoll mhux ħlief "sostituzzjoni" vjolenta jew klandestina tal-pussess proprju għall-pussess ta' ħadd ieħor; u ma hemmx dubju li preċiżament din kienet l-intenzjoni tal-konvenut, minnu stess espressa, meta wieġeb lill-attur:— "Jekk inċedilek issa, ikolli nċedilha lill-oħti għal dejjem" (fol. 37);

Illi minn dak li ntqal jidher li jirrikorru l-elementi tal-pussess fl-attur u tal-ispoll kommess mill-konvenut;

Illi, kwantu għaż-żmien utili għall-eżerċizzju tal-azzjo-

ni, skond id-dikjarazzjoni mhux kontestata tal-attur l-ispoll sar fl-14 ta' Diċembru 1959, u ċ-ċitazzjoni ġiet preżentata fid-29 tal-istess xahar, jiġifieri fiż-żmien preskritt mil-liġi;

Għal dawn il-motivi;

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-meritu, għax ċedut;

U tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.